MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 104/2006/1

**Mirabelle Grech**

**vs**

**Alex Lapira ezercenti fil-kummerc taht l-isem Cut Coiffeur Royde, u b'digriet tas-7 ta' Frar 2008 il-kelma "Royde" giet mibdula ghal "Royale", u Cut Coiffeur Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Frar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Dicembru, 2006 fejn gie inghad illi l-attrici kienet impjegata mal-konvenuti bhal hairdresser u ghandha dritt tithallas ta' l-overtime li hija ghamlet,

tal-leave entitlement, tal-bonuses u tal-bolla liema ammont jammonta ghal Lm546.14 jew somma verjuri. Illi dan l-ammont dovut jew somma verjuri ghadha ma thallsitx lill-attrici, ghaldaqstant, l-esponenta bir-rispett titlob lil dan il-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-imsemmi ammont jew somma verjuri bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi.

Ra r-Risposta tal-konvenuta  tal-20 ta' Novembru, 2006 fejn gie eccepit (1) illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi hija kienet biss apprentista u thallset dak kollu li seta` kien dovut lilha u (2) illi se mai l-procedura li kellha tigi applikata kienet tramite d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi, izda jidher li l-attrici ma sabitx konfort ghat-talba nfondata taghha minn dan id-Dipartiment.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsida :

Illi l-attrici qed taghmel talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm546.10 jew somma ohra verjuri rapprezentanti overtime, leave-entitlement, bonuses u bolla ghaz-zmien li hija kienet apprentista mal-konvenuti.

Illi l-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi `*apprendist*` b'referenza ghall-Artikolu 29 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddefinixxi `apprendist` bhala *persuna li tkun ghalqet hmistax il-sena li tkun marbuta bi ftehim bil-miktub li taqdi principal matul zmien miftiehem sabiex tikseb tgharif, maghdud t-teorija u l-prattika, f'sengha li l-principal minn naha tieghu ikun marbut li jghallem lil dik il-persuna*.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi l-attrici tinkwadra ruhha tajjeb f'din id-definizzjoni.

Illi meta l-Kap 452 jiddefinixxi "*kuntratt ta' servizz*" u "*kuntratt ta' impjieg*", il-ligi tinkludi wkoll ftehim ta' apprendistat.

Illi gie esebit DOK MG1 (fol 29), li huma fi kliem l-attrici "*guidelines*" li "*jkopru r-regoli kollha li ghandhom jirregolaw l-apprenticeship*", liema guidelines huma mahruga mill-ETC li hija l-agenzija governattiva li proprju tiehu hsieb l-iskemi ta l-apprentistat that liema l-attrici kienet tifforma parti.

L-istess attrici fl-affidavit taghha tghid illi mix-xahar ta' April 2005 bdiet tahdem hafna overtime "*avolja l-konvenuti ma kellhomx permess mill-ETC kif jirrikjedu il-guidelines*".

Hija tghid illi hija qatt ma nghatat formoli biex timla' il-hinijiet li kienet qed tahdem u wara l-ewwel xahar li haddmet over-time la nghatat payslip ta' dak ix-xahar u lanqas ma thallset ta' l-over-time.

Hija tghid ghalhekk illi bdiet izomm rendikont hi fuq karta taghha ghax-xhur ta' April, Mejju, Gunju u Lulju 2005 – u di fatti esebiet DOK MG2 (fol 34 sa 38). Hija tghid illi ta' dawn is-sighat over-time hija ma thallsitx.

L-istess attrici esebiet ukoll DOK MG3 (fol 39 sa 41) li huma l-hinijiet ta' over-time li hadmet tul ix-xahar ta' Lulju 2005 kif mimlija fuq formoli moghtija lilha mill-ETC. Tghid illi l-konvenuti ma riedux jiffirmaw il-formoli.

Bir-rati ta' over-time li jinsabu fuq l-istess formoli, l-attrici ghamlet il-kalkoli taghha bis-sieghat li hija stess hadet nota taghhom u qed issostni illi ghandha tithallas is-somma ta' Lm480.71 ghall-

over-time minnha mahdum, Lm38.95 vacation leave, Lm6.44 bonuses u bolla mhux mhallsa Lm20, ghal total komplessiv kif mitlub fl-Avviz ta' Lm546.14.

Omm l-attrici, fl-affidavit taghha, fis-sustanza tikkonferma dak kollu li tghid l-attrici u tghid ukoll li kienet kellmet lil David Bajada li kien gharrafa li kien ser ihallas kull ma hu dovut lill-attrici.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi David Bajada, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, xehed (23.05.07) illi kien intlahaq ftehim verbali ma' l-attrici illi meta x-xoghol ikun hafif, jittiehdu sieghat jew granet off sabiex ipattu ghall-granet meta ikun hemm aktar sieghat ta' xoghol minhabba appuntu xoghol aktar li jsir. Jghid illi dan sar meta giet biex tigi impjegata l-attrici.

Dwar il-formola ta' l-over-time ighid illi din kienet provduta mill-ETC u "*kien jispetta lill-apprentist li jimliha u jghaddiha lil Manager tas-salon u dik kellha ssir kull meta jidhlu xoghol u jghadduha lil Manager*". Jghid illi s-sighat ta' l-over-time ta' l-attrici qatt ma kienu mghoddija lilhom mill-attrici. Jghid ukoll illi l-ETC kienu jafu bl-arrangament li sar ma' l-attrici u li sa fejn jaf hu "*ma nafx illi l-attrici gabet xi permess biex tahdem l-over-time*". Jghid illi l-kwistjoni ta' l-over-time inqalghet wara illi telqet mix-xoghol.

Jikkonferma illi l-attrici kienet tahdem Hadd kull erba` gimghat u l-attrici kienet tiehu gurnata off ta' dak il-Hadd mahdum.

David Bajada ighid ukoll illi l-ETC "*kien baghtli kif kellhom jigu komputati l-hlasijiet ghall-over-time, pero` mkien fl-e-mails ma kien ighid illi mhux qed jaqbel maghna*".

Illi kif jirrizulta mill-korrispondenza bl-e-mail skambjata bejn Joe Galea u David Bajada (fol 45 u 47 sa 49) ma jidhirx illi ghandu jkun hemm kontestazzjoni dwar in-numru ta’ sieghat li haddmet f’over-time l-attrici. Di fatti, fl-e-mail ta’ David Bajada tas-26 ta’ Awissu 2005 (5.51p.m.) jinghad car illi “*it is the responsibility of the employee to see how many hours they worked, therefore unless she produce evidence in writing we should not be able to support her claim*”.

Illi allura una volta tali sieghat bil-kitba huma prodotti u ma jidhrux in effetti kontestati, anzi fl-email tieghu tad-19 ta’ Ottubru 2005 – 6.23p.m. – David Bajada jirrikonoxxi li l-attrici kienet intitolata ghal 256.75 siegha ta’ over-time – allura kif irrispondiet l-istess ETC (e-mail ta’ l-1 ta’ Settembru 2005 - 1.48p.m.) ma jidhirx illi n-numru ta’ sieghat huma kontestati jew li hemm xi tilwim dwarhom. L-istess ETC tkompli bl-istess e-mail tirriafferma illi “*overtime should be paid at the rate one pays a person in the same grade (at least minimum wage). This is reasoned out that if an apprenticeship is kept on over-time s/he is giving labour and not for labour/training, therefore the pay should be – at least – based on the minimum wage*”.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi dawn il-fatti stabbiliti allura, it-Tribunal irid jara jekk kienux gustifikati l-konvenuti li jqisu dawn is-sieghat u jikkumpensawha billi jtuhomla time-off, kif fil-fatt ghamlu billi ddikjaraw it-terminazzjoni ta’ l-apprendistat f’Settembru meta in effetti spiccat f’Lulju, jew kellhom ihallsuha tas-sieghat mahduma kif hawn fuq stabbilit.

Qabel xejn harsa lejn x’tghid il-ligi. Kif gja gie accennat aktar il-fuq, il-ligi ma teskludix l-apprendist mid-definizzjoni taghha u fid-definizzjoni ta’ kuntratt ta’ xoghol, il-ligi tinkludi

ukoll apprendist. Di piu`, l-Artikolu 45(2) tal-KAP 452 jistipula illi kull impjegat, imma anke apprendist, jista` jsib rimedju quddiem il-Qrati ta' Malta, ghall-hlas dovut lilhom ghal pagi, bonuses, leave entitlements, notice period etc.

Illi dan ifisser illi hekk kif impjegat ghandu dritt ghall-hlas tax-xoghol minnhu maghmul – daqstant iehor f'ghajnejn il-ligi taghna ghandu dritt appredist.

Illi l-ftehim li David Bajada jallega li sar verbalment fil-bidu tar-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti li flok over-time jittiehed time off ma giex ippruvat fi grad bizzejjed biex jissodisfa lil dan it-Tribunal. Filwaqt illi l-attrici tichad, daqstant iehor Joe Galea ta' l-ETC jirriafferma illi kellu jithallas l-over-time mahdum kif hawn fuq muri u kif jirrizulta mill-e-mails esebiti.

Di piu`, David Bajada stess f'hin wiehed jghid illi kien hemm ftehim li flok over-time ikun hemm time off in lieu u f'hin iehor ighid illi l-apprendist kellha timla l-hinijiet minnha mahduma u tghaddihom lil Manager.

Ghalkemm ix-xhieda ta' Joseph Galea thalli, kif ighidu t-Taljani, *molto da desiderare*, b'dan kollu ighid illi kuntratt bejn l-kontendenti ma giex iffirmat minhabba "*reluctance da parti ta' Cut Coffieur*". Minn naha l-ohra ighid ukoll illi ahna "*ma konniex nindahhlu meta jsiru arrangamenti u l-apprentisti jkunu kuntenti illi minflok jithallsu over-time kienu jinghataw time off in lieu*".

Izda fid-dawl ta' dak li hawn fuq  jinghad – ossia illi ma giex ippruvat tali ftehim, dak li xehed Joe Galea ftit ghandu rilevanza.

B'dan pero` irid jinghad ukoll illi jekk l-ETC tipprovdi guidelines, hija ghandha tara, tassikura u tezigi illi f'kaz illi jintlahaq xi ftehim li ma jkunx

konformi mal-guidelines u sakemm ma jkunx imur kontra l-ligi, ghandu jsir ftehim bil-miktub sabiex l-apprentisti li jkunu ghadhom jibdew id-dinja tax-xoghol ma jiffaccjawx sitwazzjonijiet anomali bhal dawk li qed tiffaccja l-attrici.

L-istess Joe Galea jikkonferma pero` ukoll illi l-ETC kienet qed tinsisti mal-konvenuti fuq hlas ta' over-time, aktar milli l-attrici tiehu time off in lieu. Jikkonferma ukoll li sal-llum, "*l-attrici ghadha ma hadtix it-time off in lieu*".

Illi fuq kollox dan it-Tribunal irid, ai termini ta' l-Att li jirregola t-Tribunal ghal Talbiet Zghar, jiddeciedi l-pendenza principalment fuq bazi ta' ekwita`.

Jikkunsidra illi s-sieghat li haddmet l-attrici mhux ikkontestati, illi ma jirrizultax sodisfacentament ippruvat illi kien sar ftehim illi flok hlas ta' over-time l-attrici tiehu time off in lieu, illi ma jirrizultax ppruvat illi t-time off in lieu in effetti l-attrici haditu.

Jikkunsidra ulterjorment illi l-principju ghandu jkun illi kullhadd ghandu d-drittt ghal-hlas ta' xogholu u li l-guidelines (fol 31) fejn intitolat "over-time" jistipulaw ir-rata tal-hlas ta' l-over-time. Finalment jikkunsidra ulterjorment illi l-konvenuti kellhom obbligu illi jiehdu l-ewwel permess mill-ETC qabel jhaddmu lill-attrici bl-over-time, liema permess jista` jkun soggett ghal certi kundizzjonijiet.

Hawnekk naqqsu l-konvenuti u kieku talbu l-permess kif kien stipulat fil-guidelines, kieku forsi kien ikun espress bl-iskritt l-ghoti ta' time off in lieu aktar milli l-hlas ta' over-time. Dan ma sarx u n-nuqqas huwa tal-konvenuti u taghhom wahedhom – ghall-liema nuqqas certament ma ghandiex tahti l-attrici.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu, u wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-

> eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma mitluba fl-Avviz ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u seba` Euro centezmi (€1272.07) - ekwivalenti ghal Lm546.10 -, bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz u bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.
>
> It-Tribunal jordna illi kopja ta' din id-decizjoni tigi komunikata lil Korporazzjoni ETC."

Appellaw minn din is-sentenza l-konvenuti biex jitolbu r-revoka taghha bil-kontestazzjoni illi t-Tribunal ma mexiex skond il-provi li kellu quddiemu.  Senjatament li:-

(i) Ma kien hemm ebda gimgha fejn l-attrici hadmet aktar minn 40 siegha;
(ii) Huma ma accettawx li l-attrici hadmet *overtime*;
(iii) Filwaqt li t-Tribunal accetta dak li qal ix-xhud Joe Galea, injora dik il-parti tax-xhieda ta' dan fejn qal li seta' kien hemm arrangamenti fil-kaz ta' apprendisti ghal "*time off in lieu*" minflok hlas ta' *overtime*;
(iv) L-istess, it-Tribunal injora r-rata ta' *overtime* applikabbli ghall-apprendisti;
(v) Il-Guidelines kienu jorbtu lill-attrici u hi kellha taghmel rikjesta ghall-*overtime*;
(vi) Ukoll it-Tribunal injora li ma ngiebetx prova dwar *vacation leave*, *bonus* u kontribuzzjoni tas-sigurta` socjali;
(vii) L-attrici thallset izzejjed;

Apparti minn dan, l-appellanti jilmentaw ukoll illi f'kull kaz d-dekorriment ta' l-imghax fuq is-somma kanonizzata kellu jibda mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz;

Jinghad mill-ewwel illi, fil-kumpless, l-appell tal-konvenuti jistrieh l-aktar fuq l-interpretazzjoni taghhom tar-rapport tax-xoghol ma' l-attrici u dak tar-rikostruzzjoni taghhom

tal-provi ghaliex, fl-opinjoni taghhom, l-attrici appellata ma kienetx intitolata ghal kumpens ghas-sahra li hi kienet qed tirreklama;

Issa mill-atti tal-kawza l-appellanti jaccettaw bhala prova li l-attrici hadmet maghhom bhala apprendista tramite l-intervent tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig. Ma jaccettawx li hadmet *overtime* ghaliex dan ma jirrizultax mill-*payslips* taghhom u, ukoll, ghaliex, skond huma, kien intlahaq qbil verbali ma' l-attrici fil-bidu ta' l-apprendistat taghha illi l-hin extra jew zejjed ta' xoghol jitpatta bit-*time off in lieu*. Ara deposizzjoni ta' David Bajada a fol. 58 u fol. 71 tal-process. Inversament, l-attrici kompliet tinsisti ghal hlas tas-sahra li hadmet;

Il-Qorti jidhrilha opportunament li ghandha taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Jekk wiehed isegwi l-Guidelines for Hairdressing Apprentices and Beauty Therapy Apprentices esebiti a fol. 29 tal-process jinghad illi l-bazi legali ta' Skemi ta' Apprendistat hi kif regolata fl-Employment and Training Services Act XXVIII of 1990 (Kapitolu 343). Fihom jinghad ukoll illi l-Apprenticeship Agreement kellu jiehu l-forma bil-miktub. Dan del resto, hu hekk ukoll statwit fl-Artikolu 31 (1) ta' l-Att imsemmi fejn jipprovdi li "principal meta jimpjega apprendist jew *trainee* ghandu jaghmel ftehim bil-miktub mieghu". Fil-kaz prezenti ma kien jezisti ebda ftehim bhal dan, u l-ebda ftehim ma gie iffirmat. Ara xhieda ta' Joseph Galea, rapprezentant ta' l-ETC a fol. 63;

(2) Huwa veru li dan ix-xhud jispjega wkoll illi kien hemm okkazjonijiet meta kienu jsiru certi arrangamenti bejn l-apprendist u min ihaddem li fih l-ETC ma kienetx tindahal. Hawn, pero`, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dan mhux dak li trid il-ligi. *Expressis* jinghad fl-Artikolu 32 (1) ta' l-Att illi "ebda ftehim ta' apprendistat f'sengha jew *traineeship* ma ghandu jorbot sakemm u jekk ma jkunx registrat mal-Korporazzjoni skond id-

disposizzjonijiet ta' dan l-Att". Evidentement, il-ligi dan tesigih biex tittutela kif jixraq lill-apprendist u l-aktar biex tassikura illi l-portata tad-definizzjoni ta' "apprendist" provvduta fl-Artikolu 29 tkun hekk rispettata u mharsa. Li jfisser, fil-kaz in ispecje, illi ghall-instawrar ta' rapport ta' apprendistat ma' l-attrici, l-appellanti kellhom jattjenu ruhhom ghad-disposizzjonijiet tal-ligi prevvisti mill-Att. *Inter alia,* li jkunu sew maghrufa x-xorta ta' tahrig, maghduda t-teorija u l-prattika, fis-sengha partikolari u l-kondizzjonijiet tax-xoghol;

(3) F'dan kollu l-provvediment awtorizzatorju li l-ligi taffida lill-Korporazzjoni ghall-ahjar harsien ta' l-apprendist hi ta' importanza notevoli in kwantu tirrapprezenta *conditio iuris* tal-kuntratt ta' apprendistat. Meta, allura, kif jidher li inhu l-kaz, la jkun jezisti kuntratt *in iskritto* u lanqas l-approvazzjoni preventiva tieghu mill-Korporazzjoni huwa difficli li wiehed iqis ir-rapport tax-xoghol ta' l-attrici bhala wiehed ta' apprendistat fis-sens strett tal-ligi. L-obbligu tal-kitba u dik ta' l-ottemperanza mad-disposizzjonijiet in generali ta' l-Att ma humiex elementi merament formalistici izda huma dettati minn dik ta' l-esigenza guridika li jkunu sew u ahjar ittutelati d-drittijiet ta' l-attrici, *qua* apprendista. Fil-konkret tal-fattispeci u fl-assenza ta' dawk l-elementi hi l-ferma opinjoni ta' din il-Qorti illi hawnhekk ninsabu fil-presenza ta' kwalifikazzjoni diversa tar-rapport ghaliex dan ma jikkorrispondix mat-tip tar-rapport ta' apprendistat kif trid il-ligi izda pjuttost ghal tip kontrattwali li jixbah lil dak ta' kuntratt ordinarju tax-xoghol;

(4) Fl-ispecifiku tal-punt kontrovers din il-fehma tal-Qorti hi msahha mill-fatt illi, kif jinghad ukoll fil-Guidelines min ihaddem ma jistax jimpjega lill-apprendist fuq *overtime* "*without the prior approval in writing of the Employment and Training Corporation*". L-oneru li jkun assikurat l-otteniment ta' dan il-kunsens jaggrava fuq min ihaddem u mhux, kif kontez mill-appellanti, fuq l-impjegat. Intant, tali permess qatt ma ntalab mill-appellanti;

(5) Fil-kaz prezenti din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, hi sodisfatta li l-attrici ghamlet xoghol

straordinarju fejn inqabez l-orarju ta’ 40 siegha fil-gimgha u allura hi intitolata, bhal kull impjegat “*full time*”, ghal hlas ta’ *overtime* skond dik ir-rata applikabbli ghal haddiem *full time*. Ankorke il-kuntratt kellu primarjament u *gratia argomenti* jitqies wiehed ta’ apprendistat, ukoll ghal din ir-raguni is-sitwazzjoni krejata twassal ghal ri-kwalifikazzjoni tar-rapport minn wiehed ta’ apprendistat ghal dak ordinarju;

Kwantu ghal lanjanza ta’ l-appellanti illi t-Tribunal accetta t-talba attrici ghal hlas tal-*vacation leave*, tal-*bonus* u tal-bolla ma jidherx mill-atti li din hi gustifikata. L-attrici spjegat fl-Affidavit taghha a fol. 27 kif waslet ghal dik id-deduzzjoni taghha dwar l-intitolar reklamat. Din il-prova baqghet ma gietx kontraddetta la minn xi kontro-ezami ta’ l-attrici u lanqas mill-provi forniti mill-appellanti, li, fil-verita, illimitaw ruhhom biex jikkontrastaw it-talba ta’ l-appellata riferibilment ghall-pretensjoni taghha ghal kumpens tas-sahra. Anke allura dan l-ilment mhux gustifikat;

Kif lanqas ma huwa accettabbli l-argoment ta’ l-appellanti fir-rigward tad-dekorriment ta’ l-imghax. Huwa dispost mill-Artikolu 1141 (2) tal-Kodici Civili illi meta obbligazzjoni ma tkunx tan-natura kummercjali, “l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak in-nhar li ssir sejha b’att gudizzjarju ...” L-att ta’ l-Avviz ta’ l-attrici certament jirrapprezenta dak l-“att gudizzjarju” li tippreciza l-ligi u ghalhekk minn dakinhar tal-prezentata tieghu, skond l-imsemmija disposizzjoni, setghu jibdew jiddekorru l-imghax. Il-Qorti ma tarax kif tista’ taccetta l-proposizzjoni ta’ l-appellanti illi l-istess imghaxijiet ghandhom jghaddu mid-data tas-sentenza ghaliex l-attrici damet biex innotifikat lill-konvenut Alex Lapira. L-atti juru illi n-notifika ma gietx ritardata b’xi htija ta’ l-attrici. Ghal kuntrarju, jidher li l-attrici ghamlet dak kollu possibbli, in ottemperanza tad-disposizzjonijiet tal-Kodici ritwali, biex tassikura l-ispeditezza ta’ dik l-istess notifika, li, biex saret, kellu jintuza l-mezz ta’ l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra stabbiliti mit-Tribunal l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------